

Brussell, 22 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

17104/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0429 (COD)**

---

---

JAI 1944  
ENFOPOL 482  
CRIMORG 261  
IXIM 348  
DATAPROTECT 347  
CYBER 392  
COPEN 429  
FREMP 394  
TELECOM 488  
COMPET 1388  
MI 1095  
CONSOM 315  
DIGIT 283  
CODEC 2209

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 797 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 797 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 797 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.12.2025  
COM(2025) 797 final

2025/0429 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta'  
applikazzjoni tiegħu**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2021/1232 (“ir-Regolament Interim”)<sup>1</sup> jistabbilixxi regoli temporanji u strettament limitati li jidderogaw minn ċerti obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2002/58/KE (“id-Direttiva dwar l-ePrivatezza”), bl-objettiv uniku li jippermetti lill-fornituri ta’ ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jużaw teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar tad-data personali u data oħra sal-punt strettament meħtieġ biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u jirrapportawh u biex ineħħu l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.

Kif spjegat fil-Premessa 10 tiegħu, ir-Regolament Interim huwa intenzjonat biex jipprovdi soluzzjoni temporanja sakemm jiġi adottat qafas legali fit-tul biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali tat-tfal fil-livell tal-Unjoni.

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal,<sup>2</sup> li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta’ Mejju 2022, għandha l-għan li ttiprovdi dak il-qafas legali fit-tul.

Il-perjodu ta’ applikazzjoni tar-Regolament Interim, li inizjalment kien se jiskadi fit-3 ta’ Awwissu 2024, ġie estiż sat-3 ta’ April 2026 bir-Regolament (UE) 2024/1307<sup>3</sup>. In-negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament fit-tul propost għadhom ma ġewx konklużi u, minkejja l-estensjoni tal-perjodu ta’ applikazzjoni tar-reġim temporanju, ma hemmx ċertezza li se jiġu konklużi fil-ħin biex ir-Regolament fit-tul jidħol fis-seħħ u japplika qabel ma jiskadi r-Regolament Interim. Għalhekk, huwa meħtieġ li permezz ta’ din il-proposta tiġi introdotta estensjoni ulterjuri ta’ żmien limitat għar-Regolament Interim, biex tippermetti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet volontarji msemmija hawn fuq matul perjodu suffiċjenti ta’ żmien biex jiġu konklużi n-negozjati interistituzzjonali tar-Regolament fit-tul. Dan jiżgura li l-abbuż sesswali tat-tfal online jista’ jiġi miġġieled b’mod effettiv u legali mingħajr interruzzjonijiet sakemm jintlaħaq qbil dwar ir-reġim fit-tul maħluq mir-Regolament propost.

Jekk in-negozjati interistituzzjonali jikkonkludu fi ftehim dwar il-qafas legali fit-tul, u r-regoli tranżizzjonali li jestendu r-Regolament Interim li jinsab fil-qafas legali fit-tul jidħlu fis-seħħ, fit-3 ta’ April 2026 jew qabel, imbagħad l-estensjoni temporanja ma tibqax meħtieġa.

#### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat

Din il-proposta ttwettaq l-impenji li saru fl-Istrateġija tal-UE għal Ġlieda Aktar Effettiva Kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, b’mod partikolari bil-proposta ta’ leġislazzjoni li tindirizza l-abbuż sesswali tat-tfal online b’mod effettiv. Il-qafas legali attwali tal-UE f’dan il-qasam

<sup>1</sup> [Ir-Regolament 2021/1232/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta’ teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta’ data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (Test b’relevanza għaż-ŻEE).

<sup>2</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, COM/2022/209 final.

<sup>3</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1307](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta’ teknoloġiji minn fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta’ data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (Test b’rilevanza għaż-ŻEE).

jikkonsisti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni relatata mal-abbuż sesswali tat-tfal, bħad-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, u r-Regolament Interim, li japplika sat-3 ta' April 2026.

Il-leġislazzjoni proposta tikkomplementa l-Istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal<sup>4</sup>, li għandha l-għan li toħloq esperjenzi diġitali sikuri għat-tfal u li tippromwovi l-awtonomizzazzjoni diġitali, kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal<sup>5</sup> u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni relatata dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal<sup>6</sup>, bl-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tas-sistemi tagħhom għall-protezzjoni tat-tfal kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra t-tfal, inkluż l-abbuż sesswali, fl-aħjar interessi tat-tfal.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament Interim, għal perjodu limitat ta' żmien, mingħajr ma temenda mod ieħor dak ir-Regolament.

Konsegwentement, l-istess bħal fil-każ tar-Regolament Interim kif inhu, qabel l-emenda proposta issa, l-approċċ inkorporat fih jibni fuq ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data<sup>7</sup> (GDPR, General Data Protection Regulation). Kif spjegat fil-Premessi 12 u 15 kif ukoll fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Interim, il-GDPR japplika u jibqa' mhux affettwat mir-Regolament Interim. Għalhekk, ir-regoli stabbiliti fil-GDPR iridu jkomplu jiġu rrispettati, inklużi dawk dwar il-legalità tal-ipproċessar (l-Artikolu 6). Fil-prattika, il-fornituri għandhom it-tendenza jinvokaw diversi raġunijiet għall-ipproċessar previsti fil-GDPR biex iwettqu l-ipproċessar ta' data personali inerenti fl-identifikazzjoni u fir-rapportar volontarji ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Il-proposta, l-istess bħal fil-każ tar-Regolament Interim kif inhu, tkopri fornituri li joffru servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri u għalhekk huma soġġetti għal dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva dwar l-ePrivatezza<sup>8</sup> u r-reviżjoni proposta tagħha li bħalissa qed tiġi negozjata<sup>9</sup>, li magħhom it-tnejn hija koerenti l-proposta.

Il-proposta hija koerenti wkoll mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA, Digital Services Act)<sup>10</sup>. Ir-Regolament Interim jikkomplementa l-qafas orizzontali tad-DSA, li jistabbilixxi regoli speċifiċi fejn meħtieġ għall-każ partikolari tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online.

---

<sup>4</sup> COM(2022) 212, 11 ta' Mejju 2022.

<sup>5</sup> COM(2021) 142 final, 24 ta' Marzu 2021.

<sup>6</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2024/1238](#) tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal.

<sup>7</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

<sup>8</sup> [Id-Direttiva 2000/31/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern.

<sup>9</sup> [Id-Direttiva 2002/58/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).

<sup>10</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2022/2065](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 16 u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Dawn id-dispożizzjonijiet huma wkoll il-bażi legali tar-Regolament Interim.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjoni tal-UE tista' tittieħed biss jekk l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom. L-intervent tal-UE huwa meħtieġ biex tinżamm il-kapaċità tal-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri biex b'mod volontarju jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż sesswali tat-tfal online u jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll biex ikomplu jiżguraw qafas legali uniformi u koerenti għall-attivitajiet inkwistjoni fis-suq intern kollu, kif previst fir-Regolament Interim. L-estensjoni limitata taż-żmien tar-Regolament Interim tista' tiġi adottata biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea billi mhijiex se tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti. Din tintroduċi estensjoni limitata taż-żmien għad-deroga mmirata u temporanja fir-rigward ta' ċerti aspetti tal-bidliet fil-qafas attwali sabiex jiġi żgurat li ċerti miżuri jibqgħu permissibbli sal-punt li attwalment jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

It-tul tal-estensjoni huwa limitat għal dak il-perjodu ta' żmien strettament meħtieġ biex tiġi adottata l-leġiżlazzjoni fit-tul, kif jista' jiġi vvalutat b'mod raġonevoli fil-preżent b'kont meħud b'mod partikolari tal-istat attwali tan-negozjati.

- **Għażla tal-istrument**

L-għanijiet ta' din il-proposta jistgħu jiġu segwiti l-aħjar permezz ta' Regolament, peress li l-att li huwa emendat, jiġifieri r-Regolament Interim, huwa wkoll Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fid-dawl tal-oġettiv tal-politika u n-natura tal-kwistjoni li hija sensittiva għall-fattur taż-żmien, ma hemm disponibbli l-ebda alternattiva oħra ta' politika materjalment differenti, u b'hekk mhija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt. B'mod partikolari, din il-miżura

għandha l-intenzjoni li tintroduċi estensjoni limitata taż-żmien għad-deroga interim u strettament limitata mill-applikabbiltà tal-Artikolu 5(1) u 6 tad-Direttiva dwar l-ePrivatezza biex tiżgura li l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jkunu jistgħu jkomplu jużaw b'mod volontarju teknoloġiji speċifiċi biex jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom, u biex ikunu jistgħu jneħħu tali materjal dwar abbuż sesswali tat-tfal minn fuq is-servizzi tagħhom wara t-3 ta' April 2026, sakemm tiġi adottata l-leġiżlazzjoni fit-tul.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tqis bis-sħiħ id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”).

Il-miżuri proposti huma konformi mal-Artikolu 7 tal-Karta, li jipproteġi d-dritt fundamentali ta' kulħadd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet tiegħu jew tagħha, u jinkludi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. Barra minn hekk, sa fejn l-ipproċessar tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mis-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-iskop uniku tal-identifikazzjoni u r-rapportar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga maħluqa minn din il-proposta, il-GDPR, li jimplementa l-Artikolu 8(1) tal-Karta fil-leġiżlazzjoni sekondarja, li jipprevedi li kulħadd igawdu d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, jibqa' japplika għal tali pproċessar.

Flimkien ma' dan, il-proposta hija konformi mal-Artikolu 24(2) tal-Karta li jipprevedi li, fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja. Tikkonforma wkoll mal-Artikoli 1, 3 u 4 tal-Karta, dwar id-drittijiet għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-integrità tal-persuna u l-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti, rispettivament, meta jitqies li l-abbuż sesswali tat-tfal jista' jinterferixxi (b'mod gravi) ma' dawn id-drittijiet fundamentali tat-tfal involuti.

Fl-aħħar nett, billi tagħmilha possibbli, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet xierqa, għall-fornituri li jieħdu miżuri volontarji biex jindirizzaw l-użu ħażin possibbli tas-servizzi tagħhom, il-proposta tqis ukoll il-libertà ta' intrapriża tagħhom, garantita skont l-Artikolu 16 tal-Karta.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

#### **5. ELEMENTI OĦRAJN**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-emenda għar-Regolament Interim li ġab miegħu r-Regolament preżenti, li tikkonsisti f'estensjoni limitata tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament Interim. Dik hija l-unika emenda li saret għar-Regolament Interim.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2), flimkien mal-Artikolu 114(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>11</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> jipprevedi reġim temporanju fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali disponibbli pubblikament għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (il-“qafas legali fit-tul”). Dak ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307, japplika sat-3 ta' April 2026.
- (2) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal<sup>13</sup>, li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta' Mejju 2022, għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali fit-tul. Madankollu, in-negożjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom ma avvanzawx biżżejjed biex ikunu ċerti li se jiġu konklużi fil-ħin biex il-qafas legali fit-tul, inkluż kwalunkwe emenda għar-Regolament (UE) 2021/1232 li jista' jkun fih, jiġi adottat u jibda japplika qabel l-4 ta' April 2026.
- (3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1232, u mingħajr interruzzjoni, sakemm isiru l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas legali fit-tul.

<sup>11</sup> [ĠU C , , p. .]

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj>).

<sup>13</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, COM/2022/209 final.

- (4) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi adottat il-qafas legali fit-tul u biex dan jibda japplika.
- (5) Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali f'waqtha, u meta titqies in-natura limitata tal-emenda prevista f'dan ir-Regolament, jiġifieri l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu, huwa xieraq li jiġi previst li dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.
- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> u ta l-opinjoni tiegħu fi [...].
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu (10) tar-Regolament (UE) 2021/1232, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandu japplika sat-3 ta' April 2028”.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).